MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-6 ta' April, 2022

Appell Inferjuri Numru 79/2021 LM

**Marcus Klaushofer (Passaport Awstrijak Numru L07402285)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Malta International Airport plc**
*('is-soċjetà appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Marcus Klaushofer (Passaport Awstrijak Numru L07402285)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fit-22 ta' Lulju, 2021 [minn issa 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha t-

Tribunal iddeċieda li l-aġir tar-rikorrent kien imur kontra l-obbligi li dan kellu bħala *Chief Executive* tas-soċjetà intimata **Malta International Airport plc**, kif ukoll l-imġiba tiegħu poġġiet lis-soċjetà intimata f'riskju. Konsegwentement it-Tribunal ikkonkluda li t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg kienet waħda ġusta.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrent spjega li huwa kien ġie impjegat bħala *Chief Executive* tas-soċjetà intimata għal perijodu definit ta' tliet snin, liema perijodu kellu jibda jiddekorri mill-1 ta' Jannar, 2012. Spjega li fost il-kundizzjonijiet tal-impjieg, huwa kellu jirċievi salarju annwali *gross* li jammonta għal mija u sebgħa u erbgħin elf, mija u seba' Euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€147,107.28), flimkien ma' *performance bonus* li ma kellux jeċċedi ħamsin fil-mija (50%) tas-salarju annwali tiegħu. Ir-rikorrent spjega li fit-22 ta' Mejju, 2014, il-partijiet iffirmaw ftehim ulterjuri li permezz tiegħu ġie emendat il-kuntratt ta' impjieg oriġinali tiegħu, fejn il-partijiet ftiehmu li l-kundizzjonijiet ġodda ta' impjieg kellhom jibdew japplikaw mill-1 ta' Lulju, 2012; li l-perijodu definit ta' impjieg tar-rikorrent għandu jkun estiż b'sitta u għoxrin xahar, sabiex b'hekk ir-rikorrent kellu jservi fil-kariga mill-1 ta' Jannar, 2012 sat-30 ta' Ġunju, 2017; u s-salarju *gross* tar-rikorrent kellu jiżdied għal mija u ħamsa u sebgħin elf, disa' mija u seba' Euro (€175,907), liema salarju għandu jiżdied fl-1 ta' Jannar ta' kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Ir-rikorrent qal li s-soċjetà intimata tterminatlu l-impjieg tiegħu fil-21 ta' Jannar, 2015, u dan mingħajr ma ngħatatlu raġuni valida għat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg. Qal ukoll li wara li huwa rċieva l-ittra tat-

terminazzjoni tal-impjieg, huwa rċieva abbozz ta' ftehim li jinkludi proposta ta' ħlas, b'għadd ta' kundizzjonijiet marbuta magħha, fosthom li huwa ma jagħmel l-ebda talba ulterjuri għall-kumpens lis-soċjetà intimata, iżda r-rikorrent qal li din il-proposta ma kinitx aċċettabbli għalih. Ir-rikorrent qal li wara li huwa rrifjuta li jaċċetta din il-proposta, is-soċjetà intimata m'aċċettatx li tagħtih xi forma ta' kumpens għal terminazzjoni unilaterali tal-impjieg definit skont il-liġi, u skont ir-rikorrent dan kien jammonta għal ksur tal-artikolu 36(11) tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

**Mertu**

3. Permezz tar-rikors tiegħu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent talab li jiġi dikjarat li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent saret mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi; li jiġi dikjarat li t-terminazzjoni tal-impjieg mingħajr raġuni valida u mingħajr ħlas ta' kumpens saret bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Impjieg u r-Relazzjonijiet Industrijali, kif ukoll tal-kuntratt ta' impjieg; li jiġi likwidat il-kumpens li għandu jitħallas lir-rikorrent mis-soċjetà intimata; kif ukoll li s-soċjetà intimata tiġi ordnata tħallas il-kumpens hekk likwidat lir-rikorrent.

4. Fir-risposta tagħha, is-soċjetà intimata wieġbet li l-impjieg tar-rikorrent ġie tterminat għal raġuni valida, skont il-liġi u skont il-kuntratt tal-impjieg tar-rikorrent. Fl-ewwel lok, is-soċjetà intimata qalet li hija ma taqbilx mal-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-rikorrent. Kompliet tgħid li filwaqt li l-kuntratt oriġinali tal-impjieg tar-rikorrent fil-kariga ta' *Chief Executive Officer,* kien jikkontempla

terminu ta’ tliet snin, mill-1 ta’ Jannar, 2012, permezz ta’ kuntratt ieħor iffirmat fit-22 ta’ Mejju, 2014, il-kuntratt ta’ impjieg tar-rikorrent ġie estiż, sal-2017. Is-soċjetà intimata qalet li matul is-sena 2014, hija kellha suspett li r-rikorrent kien qiegħed jgħaddi informazzjoni ta’ natura kunfidenzjali dwar l-operat tagħha, lil terzi li kellhom interess fl-ishma tas-soċjetà intimata. Qalet ukoll li minħabba f’dawn is-suspetti, hija kienet qiegħda ssegwi bir-reqqa l-attivitajiet u l-komportament tar-rikorrent, sakemm ġiet a konjizzjoni ta’ fatti li kkonfermawlha s-suspetti li kien hemm dwar ir-rikorrent. Is-soċjetà intimata qalet li dawn il-fatti ma setgħux jiġu injorati, u kien għalhekk li ġie deċiż li r-rikorrent għandu jkun ikkonfrontat bihom. Spjegat li fl-21 ta’ Jannar, 2015, kellha ssir laqgħa tal-bord tad-diretturi tas-soċjetà intimata fi Vjenna, l-Awstrija, u kien proprju hemmhekk li s-soċjetà intimata ddeċidiet li tikkonfronta lir-rikorrent b’dokumenti mħejjija mill-avukati tas-soċjetà intimata, li kienu jispjegaw l-obbligi tar-rikorrent dwar il-kunfidenzjalità u l-konsegwenzi għall-ksur ta’ dawk l-obbligi. Żiedet tgħid li ċ-*Chairman* tas-soċjetà intimata talab lir-rikorrent jirreaġixxi għal sensiela ta’ allegazzjonijiet li saru dwar il-komportament tar-rikorrent kemm dam fil-kariga ta’ *Chief Executive,* iżda dan naqas milli jagħti spjegazzjoni għal għemilu. Ġie spjegat li kien quddiem dan ix-xenarju li r-rikorrent ġie offrut il-possibilità li jirriżenja mill-impjieg minn jeddu, filwaqt li ġie offrut pakkett ta’ terminazzjoni, li s-soċjetà intimata spjegat li tenut kont taċ-ċirkostanzi, kien ġeneruż ħafna u ferm ogħla minn dak dovut lir-rikorrent bil-liġi, u dan meta wieħed jikkonsidra li l-impjieg tar-rikorrent seta’ jiġi tterminat għal raġuni tajba biżżejjed skont il-liġi. Is-soċjetà intimata spjegat li kien għalhekk li r-rikorrent ingħata kopja tal-abbozz tal-ftehim li kien jinkludi

l-kumpens li kien qiegħed jiġi offrut lilu, iżda r-rikorrent mill-ewwel irrifjuta din l-offerta u telaq ’il barra mil-laqgħa. Is-soċjetà intimata spjegat ukoll li meta sar il-ħin għal-laqgħa tal-bord tad-diretturi, li r-rikorrent kien preżenti għaliha, iċ-*Chairman* spjega lid-diretturi li ma jokkupawx kariga eżekuttiva, li kien ser iressaq mozzjoni għat-tneħħija tar-rikorrent mill-kariga ta’ *Chief Executive Officer* u għat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg, u dan għaliex ma kienx għad hemm fiduċja li r-rikorrent jista’ jaqdi dmirijietu f’dik il-kariga jew f’xi kariga oħra mas-soċjetà intimata. Is-soċjetà intimata spjegat li waqt din il-laqgħa, ir-rikorrent kellu kull opportunità li jindirizza lid-diretturi u jirribati għal dak kollu li ntqal, u wara li r-rikorrent indirizza lid-diretturi, tressqet il-mozzjoni għat-tneħħija u t-tkeċċija tiegħu. Is-soċjetà intimata qalet li r-riżoluzzjoni għaddiet b’vot unanimu tad-diretturi li kellhom dritt għall-vot, u wara li għaddiet din ir-riżoluzzjoni, ir-rikorrent ingħata l-ittra ta’ tkeċċija.

5. Is-soċjetà intimata żiedet tgħid li wara dakinhar, hija rċeviet ittra f’isem ir-rikorrent fejn saret allegazzjoni li huwa ġie mkeċċi mill-impjieg inġustament, u saret ukoll talba għall-ħlas ta’ kumpens, liema ħlas is-soċjetà intimata spjegat li kien ferm ogħla minn dak li kien imissu r-rikorrent li kieku ma kienx hemm raġuni tajba u biżżejjed għat-tkeċċija tiegħu. Qalet ukoll li ladarba r-rikorrent safa mkeċċi għal raġunijiet tajba biżżejjed skont il-liġi, u għal raġunijiet li kien jaf bihom ir-rikorrent, is-soċjetà intimata ma setgħetx taqbel mal-proposti tiegħu għall-ħlas, u infurmatu b’dan f’ittra tal-10 ta’ Marzu, 2015. Is-soċjetà intimata qalet li r-raġuni għat-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg kienet valida u skont il-kuntratt tal-impjieg, partikolarment għaliex dan l-istess kuntratt kien jispjega li

r-rikorrent, fil-kariga li kien qiegħed jokkupa, kellu jwettaq l-obbligi tiegħu b'mod responsabbli u bid-diliġenza dovuta, filwaqt li jkun leali lejn il-kumpannija. Il-kuntratt ta' impjieg jgħid ukoll li f'każ li ċ-*Chief Executive* jikser xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-impjieg tiegħu, huwa kellu jinforma lill-bord b'dan. Skont il-kuntratt tal-impjieg tiegħu, iċ-*Chief Executive* kellu jżomm kunfidenzjali l-informazzjoni, partikolarment dik meqjusa ta' natura kummerċjali sensittiva għall-kumpannija. L-intimata qalet li skont il-klawsola 14.2 tal-ftehim, il-partijiet kienu qablu dwar ir-raġunijiet li jikkostitwixxu raġuni tajba u biżżejjed sabiex il-kuntratt ta' impjieg jiġi tterminat minnufih.[1] Is-soċjetà intimata kompliet tgħid li skont il-klawsola 20 tal-kuntratt ta' impjieg, hemm numru ta' ċirkostanzi li għandhom jitqiesu, fir-relazzjoni bejn il-partijiet, li huma raġunijiet tajba u biżżejjed sabiex jiġi tterminat il-kuntratt tal-impjieg tar-rikorrent. Qalet li dan il-ftehim kien maħsub biex jagħti aktar ċertezza, fil-parametri u b'mod kumplimentari għal-liġi, li ma tispeċifikax x'inhuma r-raġunijet tajba u biżżejjed biex l-impjieg jiġi tterminat, iżda tispeċifika liema huma ċ-ċirkostanzi li ma jitqisux raġuni tajba u biżżejjed għat-terminazzjoni ta' impjieg. Is-soċjetà intimata qalet ukoll li l-aġir tar-rikorrent kien jammonta għal ksur tal-obbligi kuntrattwali tiegħu, u dan l-aġir seta' kellu wkoll implikazzjonijiet negattivi sostanzjali fuq is-soċjetà intimata u fuq ir-reputazzjoni tagħha, bi ħsara għall-azzjonisti tagħha. Qalet li bħala *listed company,* l-ishma tagħha jiġu mibjugħa u mixtrija pubblikament fuq il-Borża ta'

[1] Din il-klawsola tgħid hekk, "... *It is understood and agreed that any of the following events shall constitute a good and sufficient cause for the Company to terminate this Agreement immediately and without liability for compensation or damages:*
*(a) if the Chief Executive commits any breach of the provisions of this Agreement; or*
*(b) if the Chief Executive is guilty of any misconduct or wilful neglect in the discharge of his duties under this Agreement; or*
*(c) if the Chief Executive is convicted of any criminal offence other than an offence which in the opinion of the Board does not affect his position as a chief executive officer of the Company."*

Malta, u bħala *listed company,* hi u l-impjegati tagħha għandhom aċċess għal ċerta informazzjoni li għandha tiġi mħarsa b'obbligi stretti ta' kunfidenzjalità, bl-għan li s-suq ma jiġix influwenzat minn informazzjoni li mhijiex korretta, kif ukoll sabiex ma jkunx hemm persuni li jkunu vantaġġati fuq oħrajn b'informazzjoni dwar is-soċjetà intimata u n-negozju tagħha. Is-soċjetà intimata kompliet tgħid li anki fin-nuqqas ta' qbil dwar in-natura tal-artikolu 14.2 tal-kuntratt tal-impjieg tar-rikorrent, in-negozju tagħha u tal-azzjonisti tagħha huwa tali li jirrendi impossibbli l-kontinwazzjoni tar-relazzjoni bejn il-partijiet, anki għaliex ir-rikorrent kien jokkupa kariga ta' portata sostanzjali u l-fiduċja fih kienet spiċċat.

6. Is-soċjetà intimata qalet li fil-fehma tagħha m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg saret għal raġuni tajba u biżżejjed, u għalhekk m'għandu jkun hemm ebda ħlas ta' kumpens lir-rikorrent. Is-soċjetà intimata għamlet riferiment għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 36(11) u (12) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, li jirregolaw il-ħlas li għandu jsir f'każ li kuntratt ta' impjieg b'perijodu definit jintemm qabel l-għeluq taż-żmien tiegħu. Spjegat li f'dan il-każ, l-impjegat ikollu jedd għal nofs il-paga li kellha titħallas lilu għall-bqija taż-żmien espressament miftiehem, minbarra r-remunerazzjoni għas-sahra, kull forma ta' *bonus,* kull *allowance,* remunerazzjonijiet oħra li ma jitħallsux fi flus, u kummissjonijiet. Is-soċjetà intimata kkontestat l-allegazzjoni tar-rikorrent li l-kopja tal-abbozz ta' ftehim ingħatatlu bħala alternattiva f'każ li huwa jagħżel li jitlaq bil-kwiet mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa li l-azzjonijiet tiegħu jiġu dibattuti pubblikament. Qalet iżda li l-fatt li hija offriet din l-għażla lir-rikorrent, m'għandux jiġi interpretat bħala xi forma ta' ammissjoni da parti tagħha li hija ma kellhiex raġunijiet tajba u biżżejjed sabiex tittermina l-impjieg

tar-rikorrent. Is-soċjetà intimata spjegat ukoll li l-offerta tagħha saret mingħajr preġudizzju, u mill-mument li l-offerta tagħha ġiet rifjutata mir-rikorrent, ir-rikorrent kien qiegħed jagħżel li din il-kwistjoni tiġi determinata minn awtorità oħra, u għalhekk hija ma kien għad fadlilha l-ebda interess li tasal f'xi forma ta' ftehim mar-rikorrent.

7. Flimkien mar-rikors tiegħu, ir-rikorrent ippreżenta kopja tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu tal-25 ta' Jannar, 2012; kopja tal-emenda għall-kuntratt ta' impjieg bid-data tat-22 ta' Mejju, 2014; kopja tal-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg tal-21 ta' Jannar, 2015; kopja ta' abbozz tal-ftehim; kopja ta' ittra mibgħuta għan-nom tar-rikorrent lis-soċjetà intimata; u kopja tal-ittra bir-risposta tas-soċjetà intimata.

8. Ir-rikorrent ippreżenta wkoll dikjarazzjoni maħlufa tal-fatti, fejn spjega li huwa ġie impjegat mis-soċjetà intimata permezz ta' ftehim iffirmat fil-25 ta' Jannar, 2012. Qal li s-salarju miftiehem oriġinarjament kellu jkun ta' €147,107.28 fis-sena, liema salarju kellu jiżdied skont l-indiċi tal-prezzijiet tas-sena preċedenti. Qal ukoll li huwa kien intitolat għal *performance bonus* li jammonta għal 50% tas-salarju tiegħu, kif ukoll kellu xi perkaċċi oħra bħal karozza tal-kumpannija, ħlas għall-użu tal-*mobile*, u benefiċċji simili. Spjega wkoll li t-terminu oriġinali tal-kuntratt kellu jkun ta' tliet snin, u għalhekk dan kellu jiskadi fl-2015. Ir-rikorrent qal li l-bord tad-diretturi tal-kumpannija kien sodisfatt bil-prestazzjoni tiegħu, u għalhekk il-kuntratt tiegħu reġa' ġġedded għal sentejn u nofs oħra, qabel l-iskadenza tiegħu permezz ta' emenda għall-kuntratt ta' impjieg tiegħu, b'tali mod li l-kuntratt ta' impjieg tiegħu kellu jiskadi

fit-30 ta’ Ġunju, 2017. Qal li anki s-salarju tiegħu ġie rivedut u żdied għal €175,907 fis-sena, liema reviżjoni kellha effett mill-1 ta’ Lulju, 2012. Ir-rikorrent qal li mill-bidu tal-impjieg tiegħu sal-ġurnata tat-terminazzjoni tiegħu mill-impjieg, il-prestazzjoni tiegħu kienet waħda pożittiva, bin-numru ta’ passiġġieri li għamlu użu mill-ajruport jiżdied konsistentement waqt li huwa kien fil-kariga. Ir-rikorrent spjega li fil-21 ta’ Jannar, 2015, huwa attenda għal-laqgħa tal-bord tad-diretturi tal-Malta International Airport plc (MIA) ġewwa Vjenna, u qabel din il-laqgħa huwa ntalab jattendi laqgħa ma’ Nikolaus Gretzmacher u Julian Jaeger, rappreżentanti tal-Vienna International Airport, liema kumpannija għandha 33% tal-ishma fl-MIA. Qal li huwa ma ġiex infurmat minn qabel dwar l-iskop tal-laqgħa, u lanqas ma ġie infurmat dwar ma’ min kien sejjer jiltaqa’. Qal li meta bdiet il-laqgħa, Julian Jaeger, li mhux fuq il-bord tal-MIA, beda jitkellem dwar kif l-atmosfera bejn ir-rikorrent u ċ-*Chairman* tal-MIA ma kinitx waħda tajba, u kif kien ikun fl-interess ta’ kulħadd li r-rikorrent jirriżenja mill-impjieg tiegħu. Qal li huwa ma qabilx ma’ dan, partikolarment għaliex dan kien qiegħed jingħad minn persuna li mhijiex rappreżentanta tal-MIA, iżda ta’ azzjonista tal-MIA, il-Vienna International Airport (VIE), kif ukoll għaliex fil-fehma tar-rikorrent ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn il-kuntratt ta’ impjieg tiegħu kellu jiġi tterminat. Qal li huwa spjegalhom li taħt it-tmexxija tiegħu, is-soċjetà intimata tejbet il-prestazzjoni tagħha b’mod konsiderevoli. Minkejja dan Julian Jaeger wieġbu li huwa xorta waħda ma kienx kuntent li r-rikorrent kien CEO tas-soċjetà intimata u talab ir-riżenja tiegħu. Ir-rikorrent qal li Julian Jaeger imbagħad beda jaqra memorandum interna tal-MIA dwar kwistjonijiet ta’ kunfidenzjalità u segretezza professjonali, liema memorandum ir-rikorrent qal li kien wieħed vag

u li ma kienx jgħid x'aġir ħażin kien hemm min-naħa tiegħu. Kompla jgħid li meta huwa staqsa speċifikament x'kien għamel ħażin, kemm Jaeger kif ukoll Gretzmacher evitaw li jweġbuh. Ir-rikorrent qal li Julian Jaeger ma riedx jagħti aktar informazzjoni dwar il-memorandum intern tal-MIA, u kien qallu li huwa kien ser jiġi kkumpensat b'madwar €400,000 jekk jagħżel li jirriżenja mill-impjieg, u dawn il-flus kienu ser jitħallsu lilu f'każ biss li huwa jagħżel li jaqbel mal-kundizzjonijiet imposti fuqu mis-soċjetà intimata u jekk ir-rikorrent ma jressaqx il-każ tiegħu quddiem qorti, tribunal jew awtorità oħra. Qal li din l-offerta saritlu fil-forma ta' abbozz ta' ftehim li ġie ppreżentat lilu, u huwa ntalab jiffirma dan il-ftehim dak il-ħin stess. Spjega li dak il-ħin huwa ma kellux moħħ jifhem u jiffirma dak li kien qiegħed jiġi propost lilu minn Jaeger u Gretzmacher, u lanqas ma kien jaqbel fil-prinċipju ma' dan il-ftehim. Qal li huwa ma kienx komdu li l-laqgħa kienet qiegħda titmexxa minn Julian Jaeger, li m'għandu l-ebda konnessjoni mal-bord tad-diretturi tal-MIA, u li kien biss rappreżentant ta' azzjonist li għandu 33% tal-ishma tal-MIA. Ir-rikorrent żied jgħid li fil-fehma tiegħu Jaeger ma kellux jaqra minn memorandum intern tal-MIA, partikolarment għaliex dan mhux suppost li kien sar jaf b'din l-informazzjoni. Ir-rikorrent kompla jgħid li meta huwa rrifjuta l-proposta li saritlu, Jaeger sar aggressiv, u kemm Gretzmacher kif ukoll Jaeger qalulu li kien ser jiddispjaċih li ħa din id-deċiżjoni, kif ukoll li l-bord ma kellu l-ebda alternattiva għajr li jkeċċieh mill-impjieg. Qal li hekk kif spiċċat din il-laqgħa, bdiet il-laqgħa tal-Bord tal-MIA, fejn Gretzmacher ħabbar li r-rikorrent kien ser jitneħħa minn CEO tas-soċjetà intimata, u talab lir-rikorrent jitlaq mill-kamra. Qal li huwa dam f'din il-laqgħa madwar tliet minuti, u sa dak il-ħin kien għadu mhux ċar x'kienu l-akkużi fil-

konfront tiegħu. Ir-rikorrent qal li sakemm huwa dam CEO tas-soċjetà intimata, huwa qatt ma kellu kwistjonijiet mal-bord tad-diretturi, u huwa ħadem sabiex jassigura li l-interessi tal-azzjonisti tal-kumpannija jiġu mħarsa. Ir-rikorrent qal li huwa jiftakar b'episodju partikolari, waqt it-tmexxija tiegħu, li seta' ħalla impatt fuq ir-relazzjoni tiegħu mal-azzjonist li kellu 33% tal-ishma, jiġifieri l-VIE. Qal li meta huwa beda fl-impjieg tiegħu, kien sar jaf li d-dipartiment tal-finanzi tas-soċjetà intimata kien qiegħed jibgħat informazzjoni finanzjarja kunfidenzjali lill-Vienna International Airport (VIE), u għalhekk dan kien ifisser li din il-kumpannija kienet qiegħda tikseb informazzjoni sensittiva dwar is-soċjetà intimata, ad esklużjoni tal-azzjonisti l-oħra kollha, inkluż il-Gvern ta' Malta, li għandu 27,060,000 sehem fl-MIA. Qal li meta huwa sar jaf b'dan, huwa kien ġie mgħarraf miċ-*Chief Financial Operator* (CFO) tal-kumpannija li din kienet prassi normali, u li l-predeċessur tiegħu, li kien Julian Jaeger, ma kellu l-ebda problema b'dan. Ir-rikorrent qal li min-naħa tiegħu huwa kien informa b'dan lill-avukati tas-soċjetà intimata, li talbuh iwaqqaf din il-prassi minnufih, għaliex kien hemm ir-riskju li l-azzjonisti l-oħra tal-kumpannija kienu ser jiġu ppreġudikati b'dan. Qal li kien għalhekk li huwa talab lis-CFO tal-kumpannija jieqaf jgħaddi l-informazzjoni lil VIE immedjatament, xi ħaġa li ma tantx intlaqgħet tajjeb minn VIE. Qal li hekk kif din l-informazzjoni ma baqgħetx tintbagħat lil VIE, dawn bdew jagħmlu numru ta' talbiet għall-informazzjoni, fejn qalu li din l-informazzjoni kienet meħtieġa minnhom. Żied jgħid li f'dak iż-żmien huwa spiss kien jintalab minn Nikolaus Gretzmacher, iċ-*Chairman* tal-kumpannija, sabiex jerġa' jibda l-proċess li jgħaddi din l-informazzjoni lil VIE, u meta huwa rrifjuta li jagħmel dan, Gretzmacher ma ħax gost. Ir-rikorrent qal li huwa qatt ma ġie mgħarraf x'kienu

l-akkużi li saru mill-MIA dwar informazzjoni sensittiva li huwa għadda lil terzi. Qal biss li huwa fl-ebda waqt ma kiser l-obbligi fiduċjarji tiegħu fil-konfront tas-soċjetà intimata.

9. Ir-rikorrent ippreżenta *affidavit* fejn staqsa għal liema raġuni s-soċjetà intimata kienet lesta li tħallsu l-ammont ta' €200,000 ladarba kien hemm allegazzjonijiet daqstant serji fil-konfront tiegħu. Qal ukoll li r-rapport investigattiv fil-konfront tiegħu iġib id-data tal-1 ta' Ġunju, 2015, u għalhekk għandu jirriżulta li dan kien lest għadd ta' xhur wara li l-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata kien ġie tterminat. Qal ukoll li huwa talab id-dokumenti in kwistjoni minn uffiċjali tas-soċjetà intimata, għaliex huwa suppost li kellu aċċess għal dik id-dokumentazzjoni. Ir-rikorrent ċaħad li huwa qatt xi darba żvela informazzjoni kunfidenzjali jew li qatt kiser l-obbligi fiduċjarji tiegħu fil-konfront tas-soċjetà intimata. Qal ukoll li l-ewwel darba li huwa sar jaf li VIE kienet qiegħda tikkontempla li tbiegħ l-ishma tagħha, kien matul dawn il-proċeduri legali u matul il-proċeduri separati mibdija minnu quddiem qorti fl-Awstrija, wara li l-kuntratt ta' impjieg tiegħu ma' VIE kien ġie tterminat. Qal ukoll li VIE riedet taħbi mill-bord tal-MIA li hija kienet qiegħda tfittex li tbiegħ l-ishma tagħha, u dan kien ta' preġudizzju għas-soċjetà intimata.

10. Ġiet ippreżentata wkoll dikjarazzjoni ġuramentata tal-fatti minn **Nikolaus Gretzmacher**, li spjega li huwa sar jaf lir-rikorrent meta huma kienu kollegi fil-Vienna International Airport (VIE). Qal li huwa u r-rikorrent reġgħu ġew f'kuntatt mill-qrib meta dan tal-aħħar kien ġie impjegat bħala CEO tal-Malta International Airport plc. Ix-xhud qal li l-VIE adottat numru ta' *policies* u proċeduri sabiex

tassigura li dawk il-persuni kollha li għandhom funzjoni eżekuttiva ma' VIE u li huma membri fuq il-bord tal-MIA, ma jkollhomx informazzjoni dwar materji li jistgħu joħolqu kunflitt ta' interess, partikolarment fir-rigward tal-bejgħ tal-ishma tal-MIA. Qal li dawn il-miżuri kienu maħsuba biex ma jkun hemm l-ebda kuntatt dirett jew indirett ma' persuni interessati fl-akkwist tal-ishma tal-MIA, sakemm il-bord tad-diretturi tal-MIA ma jkunx qabel li ssir id-*due diligence* tagħhom. Żied jgħid li r-rikorrent bħala CEO tal-MIA, ma kienx infurmat minn VIE jew mill-MIA dwar l-interess li ntwera mill-konsorzju Antin fl-akkwist u fin-negozjati dwar dawn l-ishma. Ix-xhud qal li waqt laqgħa li huwa kellu ma' Julian Jaeger fit-8 ta' Jannar, 2015, huwa kien ġie infurmat li Jaeger kellu suspett li kien hemm ħruġ ta' informazzjoni dwar l-MIA. Qal li Jaeger infurmah li kien hemm diskussjonijiet għaddejjin bejn VIE u konsorzju internazzjonali ffurmat minn Antin Infrastructure, Aeroports de la Cote d'Azur, u Michael Bianchi. Qal li huwa ma kienx jaf b'dan qabel din il-laqgħa minħabba fir-regoli u proċeduri stabbiliti, li kienu jipprojbixxu li persuna bħalu tkun ġiet a konjizzjoni ta' din l-informazzjoni. Qal li għall-istess raġunijiet, suppost li lanqas ir-rikorrent ma kien mgħarraf b'din l-informazzjoni, iżda kien hemm indikazzjonijiet li r-rikorrent kien għamel kuntatt ma' membri tal-konsorzju. Ix-xhud qal li Jaeger kien qallu li minkejja l-miżuri kollha li ttieħdu għall-ħarsien tal-kunfidenzjalità, il-konsorzju kellu f'idejh informazzjoni li mhux suppost li kienet f'idejh f'dak l-istadju tad-diskussjonijiet. Qal li meta ngħata din l-informazzjoni, huwa ddeċieda li jibda jinvestiga l-affarijiet hu, u dak iż-żmien sar jaf li r-rikorrent kien qiegħed jitlob informazzjoni li soltu tintalab qabel laqgħat dwar l-istrateġija tal-kumpannija, bħal ma hija informazzjoni relatata mat-tbassir tat-traffiku tas-soċjetà intimata.

Qal li huwa sar jaf ukoll li r-rikorrent talab li jsiru aġġustamenti fl-informazzjoni mogħtija, b'tali mod li din l-informazzjoni ma kinitx taqbel ma' dik mogħtija lill-bord tad-diretturi f'Novembru ta' qabel, u dan sabiex ix-xejriet tal-kumpannija jidhru aktar pożittivi milli fil-fatt kienu. Qal ukoll li fl-istess żmien huwa stabbilixxa li r-rikorrent kien beda relazzjoni ta' ħbiberija mill-qrib ma' diversi membri tal-konsorzju. Ix-xhud qal li huwa sar jaf li l-konsorzju kien għamel offerta lil VIE għall-akkwist ta' ishma fl-MIA, iżda VIE irrifjuta din l-offerta. Qal li aktarx li kien għalhekk li r-rikorrent beda jgħaddi ċerta informazzjoni lill-konsorzju b'aġġustamenti fit-tbassir dwar il-futur tal-kumpannija, u dan bil-ħsieb li l-konsorzju jkun lest li joffri prezz ogħla għall-ishma. Ix-xhud qal ukoll li huwa stabbilixxa li r-rikorrent ma kellu l-ebda raġuni għalfejn jivvjaġġa lejn Pariġi f'Diċembru tal-2014 u f'Jannar tal-2015, u li dan ma kellu l-ebda raġuni għalfejn jitlob ċerta informazzjoni mingħand impjegati tas-soċjetà intimata. Qal li dawn il-fatti kollha jindikaw li r-rikorrent kien qiegħed jikkomunika u jiltaqa' ma' uffiċjali tal-konsorzju, filwaqt li jgħaddi informazzjoni li l-kumpannija kienet prekluża milli tgħaddi lil terzi. Ix-xhud qal li kien għalhekk li huwa ddeċieda li jitkellem mar-rikorrent, u f'każ li r-rikorrent ma jkunx kapaċi jispjega l-azzjonijiet tiegħu, huwa kien fi ħsiebu jitlob lir-rikorrent jirriżenja mill-impjieg. Qal li fil-laqgħa li huwa u Jaeger kellhom mar-rikorrent, huma spjegawlu l-fatti u l-informazzjoni li kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom, u li huma kienu jemmnu li dan ma kienx qiegħed jaġixxi fl-aħjar interess tas-soċjetà intimata. Kompla jgħid li meta r-rikorrent naqas milli jagħti spjegazzjoni għall-imġiba tiegħu, huwa ppreżentalu abbozz ta' ftehim li permezz tiegħu r-rikorrent kellu jingħata l-opportunità li jirriżenja mill-impjieg. Qal li meta saret din l-offerta lir-rikorrent,

dan tal-aħħar qabad id-dokument u telaq 'il barra bih, u f'dak il-punt kien ċar għal kulħadd li l-kwistjoni kellha titressaq quddiem il-bord tad-diretturi. Żied jgħid li dakinhar stess saret laqgħa fi Vjenna tal-bord tad-diretturi tal-MIA, fejn huwa nforma lid-diretturi mhux eżekuttivi li huwa kien tilef il-fiduċja fir-rikorrent, partikolarment għaliex huwa ma kienx konvint li dan kien qiegħed jaġixxi fl-aħjar interessi tal-MIA. Qal li dakinhar stess, ir-rikorrent ingħata l-opportunità li jispjega s-sitwazzjoni tiegħu, iżda dan fl-ebda waqt ma pprova jiġġustifika l-azzjonijiet tiegħu jew jargumenta li l-bord tad-diretturi tal-kumpannija ma kellux għalfejn jitlef il-fiduċja tiegħu fih. Qal li wara l-intervent tar-rikorrent, id-diretturi mhux eżekuttivi ħadu vot dwar ir-riżoluzzjoni imressqa minnu, liema riżoluzzjoni ġiet approvata unanimament, u aktar tard dakinhar stess, ir-rikorrent ingħata l-ittra ta' terminazzjoni mill-impjieg. Ix-xhud kompla jgħid li wara dan l-episodju, saret investigazzjoni interna mill-kumpannija, fejn ġie stabbilit li apparti l-fatt li fl-2014 ir-rikorrent qatta' total ta' 220 ġurnata 'il bogħod minn Malta, dan kien involut attivament f'diskussjonijiet mal-konsorzju fejn saħansitra għadda informazzjoni sensittiva minn wara dahar is-soċjetà intimata. Minn din l-investigazzoni rriżulta wkoll li r-rikorrent talab lil impjegati tal-MIA iħejjulu informazzjoni kunfidenzjali, fosthom dwar il-*business plan* tal-kumpannija għall-għaxar snin li ġejjin, tbassir fit-tul dwar l-iżvilupp ekonomiku tal-Malta International Airport, kif ukoll informazzjoni dwar l-imsieħba tas-soċjetà intimata u dwar id-dħul li din tiġġenera minn attivitajiet li mhumiex strettament marbuta mal-avjazzjoni, bħal ma huwa l-kera tal-ispazju tal-parkeġġ quddiem l-ajruport. Ix-xhud kompla jgħid li minn din l-investigazzjoni rriżulta li r-rikorrent kellu taħdidiet fit-tul ma' membri tal-konsorzju u dan

minkejja l-obbligu li kellu li f'każ li xi membru tal-konsorzju jipprova jagħmel kuntatt miegħu, huwa jirrapporta dwar dan minnufih lill-bord tad-diretturi tal-MIA. Qal li għalhekk ir-rikorrent kiser l-aktar disposizzjonijiet bażiċi u fundamentali tal-kuntratt ta' impjieg u tar-relazzjoni li huwa kellu mas-soċjetà intimata, u għalhekk huwa mhux f'qagħda li jargumenta li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu mhijiex ġustifikata.

11. Anki **Julian Jaeger** ippreżenta dikjarazzjoni ġuramentata bil-fatti. Ix-xhud qal li l-Malta Mediterrenean Link Consortium Limited (MMLC) hija kumpannija li għandha 40% tal-ishma fl-MIA, u hija din il-kumpannija li tipproponi min għandu jkun is-CEO tal-MIA. Qal li filwaqt li r-rikorrent kien is-CEO tal-MIA, dan kien ukoll impjegat ma' VIE, għalkemm b'kuntratt separat. Żied jgħid li VIE hija l-azzjonist ewlieni fl-MMLC, apparti li għandha *shareholding* indirett fl-MIA, fejn il-VIE għandha 10.1% tal-ishma kkwotati fuq il-Borża ta' Malta. Qal li dan l-investiment huwa ta' aktar minn mitt miljun Euro. Qal li meta huwa ngħata pożizzjoni fuq il-bord ta' VIE, huwa sar jaf li VIE kellha djun konsiderevoli, u li mod kif setgħet tħallas dan id-dejn kien billi tbiegħ l-ishma li hija kellha fl-MIA. Qal ukoll li meta r-rikorrent sar jaf bil-pjan li jinbiegħu dawn l-ishma, huwa ma kienx ħa gost b'dawn il-pjanijiet. Ix-xhud qal li f'Ottubru tal-2014 diġà kien evidenti li l-membri tal-konsorzju kellhom aċċess għal ċerta *data* u informazzjoni dwar il-kumpannija. Ix-xhud ta dettalji dwar is-suspetti li kellu fir-rigward tar-rikorrent u l-qrubija tiegħu ma' esponenti tal-konsorzju, minkejja li dan suppost li ma kien fl-ebda kuntatt ma' ħadd minnhom. Ix-xhud qal li huwa sar jaf mingħand Alan Borg li r-rikorrent kien qiegħed jitlob ċerta informazzjoni

minn dipartimenti li jaqgħu direttament taħt ir-responsabbilità ta' Borg, u li r-rikorrent kien ivvjaġġa lejn postijiet li ma jidhirx li kienu konnessi man-negozju tas-soċjetà intimata. Ix-xhud qal li r-rikorrent kien qiegħed jagħmel dan kollu sabiex jassigura li postu fl-MIA ikun garantit, anki f'każ li l-konsorzju jakkwista l-ishma hu. Ix-xhud ta dettalji tal-laqgħa li kien hemm mar-rikorrent f'Jannar tal-2015, u tal-proċedura segwita bil-ħsieb li l-impjieg tar-rikorrent jiġi tterminat. Ix-xhud speċifika li l-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrent ġie tterminat b'effett mill-11 ta' Marzu, 2015, u dan wara li ġie stabbilit li r-rikorrent kien mar minn wara dahar min kien qiegħed jimpjegah, u tkellem ma' partijiet terzi u għaddilhom informazzjoni sensittiva dwar l-operat tas-soċjetà intimata. Ix-xhud qal li VIE, apparti li tterminat l-impjieg tar-rikorrent, kienet ikkonfrontat ukoll lill-konsorzju u talbet spjegazzjoni mingħandu, għalkemm dawn naqsu milli jikkoperaw.

12. Waqt il-kontro-eżami li sar lil Julian Jaeger, irriżulta li kienu ttieħdu passi dixxiplinarji kontra r-rikorrent wara li ġie stabbilit li dan talab skont qawwi fuq arloġġ tal-marka Rolex li ġie akkwistat mill-ħwienet tal-ajruport, imġiba li tindika abbuż mill-pożizzjoni tiegħu bħala *Chief Executive* tas-soċjetà intimata.

13. Is-soċjetà intimata ppreżentat l-*affidavits* ta' **Alain Roger Michel Rauscher**, is-CEO ta' Antin Infrastructure Partners, ta' **Mauricio Bolana**, wieħed mill-imsieħba ta' Antin Infrastructure Partners, u ta' **Ashkan Karimi**, imsieħeb ukoll f'Antin Infrastructure Partners SAS, li ppreżentaw għadd ta' dokumenti bix-xhieda mogħtija minnhom fil-proċeduri fl-ismijiet **Flughafen Wien AG *vs.* Antin Infrastructure Partners SAS** quddiem qorti fl-Awstrija, fejn dawn ix-

xhieda elenkaw diversi indikazzjonijiet li kellhom dwar l-imġiba mhux f'lokha tar-rikorrent.

## Is-Sentenza Appellata

14. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-22 ta' Lulju, 2021, it-Tribunal ikkonkluda li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent kienet waħda ġusta, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet

*"**Konsiderazzjonijiet***

*Dan it-Tribunal għandu biex jikkonsidra jekk it-tkeċċija tar-rikorrent fuq allegazzjonijiet ta' ksur serju ta' obbligi ta' kunfidenzjalità u l-konsegwenzi ta' ksur ta' dawn l-obbligi meta r-rikorrent kien jokkupa l-pożizzjoni ta'* Chief Executive *mas-soċjetà intimata.*

*It-Tribunal fela bir-reqqa x-xhieda kollha, id-diversi dokumenti li ġew ippreżentati, ukoll id-dikjarazzjonijiet tal-każ, is-sottomissjonijiet u trattazzjonijiet finali.*

*Il-kunsiderazzjonijiet prinċipali li dan it-Tribunal studja bir-reqqa bbażati fuq xhieda u dokumentazzjoni u li wasslu għal din id-deċiżjoni kienu kif ġej.*

*Illi l-obbligi tar-rikorrent rigward kunfidenzjalità kienu ċari fil-kuntratt tal-impjieg tiegħu kif ukoll f'memos separati maqbula mar-rikorrent. Fuq dan, it-Tribunal fela dak kollu li kien hemm bżonn.*

*Illi l-MIA u VIE kellhom* policies *stabbiliti jissalvagwardjaw il-kunfidenzjalità fil-bejgħ ta' ishma. Persuni b'funzjonijiet eżekuttivi u l-Bord tal-MIA ma seta' jkollhom l-ebda informazzjoni fuq affarijiet li jistgħu joħolqu kunflitt ta' interess fuq bejgħ ta' ishma. Ir-rikorrent kien marbut ma' dawn il-policies.*

*Illi għaldaqstant jekk il-Bord tal-MIA ma joħroġx* ad hoc notification *pubblika segwita minn* due diligence *suppost l-affari għandha tkun kunfidenzjali kif spjegat. Dawn il-policies kienu ġew fis-seħħ fit-23 ta' Settembru, 2013 wara każ li ħarġet informazzjoni sensittiva li nvolviet SNC Lavalin rigward bejgħ ta' ishma lil MMLC. Illi allura offerta ta' bejgħ ta' ishma kienet trid tiġi trattata minn team ta' persuni indipendenti b'obbligazzjonijiet kunfidenzjali stretti u l-ebda membru tal-Bord tal-MIA ma jkun*

*jista' jiġi involut. Dawn normalment jissejħu '*Chinese Walls' *li r-rikorrent u l-kumplament tal-Bord kienu jafu bihom. Ir-rikorrent ukoll ħa anki parir mill-avukati tal-MIA fuq dan il-fatt.*

*Illi r-rikorrent talab lil Camilleri Preziosi Advocates nhar it-3 ta' Diċembru, 2013 biex jispjegawlu bil-miktub eżatt fuq it-trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali fl-MIA. Dawn irrispondew b'memo dakinhar stess.*

*Fost l-obbligi li kienu enfasizzati f'dan il-memo kien hemm li jaħdem biss fl-interess tal-kumpannija, ma jidħolx fl-ebda kunflitt ta' interess fl-isfond ta' informazzjoni sigrieta anke lix-*shareholder *li jkun appuntah bħal per eżempju '*business plans' *jew '*forward looking information' *għax dan permess biss meta jkun hemm avviż pubbliku.*

*It-Tribunal fela bir-reqqa dawn l-obbligi prinċipali. Illi r-rikorrent kien impjegat mal-MIA u anke ma' VIE u tmien (8) xhur qabel it-tkeċċija ingħata estensjoni tal-kuntratt tal-impjieg u żdied il-pakkett finanzjarju.*

*Illi ċ-Chairman tal-MIA Nikolaus Gretzmacher sar jaf bl-allegazzjonjiet fuq ir-rikorrent meta kellmu Julian Jaeger, COO u membru tal-Management Board tal-VIE, fit-8 ta' Jannar, 2015 u anke bl-offerta ta' Antin Consortium. Ukoll lid-diskussjonijiet ma' Antin kienu sfaxxaw u ntemmu sa dakinhar. Jaeger allega li ħarġet informazzjoni kunfidenzjali relatata mal-MIA meta kienu għaddejjin diskussjonijiet bejn VIE u Antin Consortium li kienu interessati jixtru* shares *fl-MIA u illi kien hemm indikazzjonijiet b'saħħithom li r-rikorrent kellu kuntatt ma' Antin.*

*Illi Jaeger kien preżenti fid-diskussjonijiet ma' Antin u kienet stramba għalih li ma ridux jagħmel* due diligence *u qalu li issa jkellmu lir-rikorrent li sa dak il-ħin dan suppost ma kien jaf b'xejn.*

*Illi ċ-Chairman wara din l-informazzjoni beda jinvestiga s-sitwazzjoni dwar ir-rikorrent.*

*Illi Alan Borg, illum CEO MIA, kien innota li r-rikorrent kien qed jitlob informazzjoni minn impjegati li jaqgħu taħt Alan Borg, mingħajr ma jinvolvieh. L-informazzjoni mitluba kienet l-iktar tirrigwardja '*traffic forecasts' *li normalment tinġieb biss f'meetings strateġiċi tal-Bord.*

*Illi impjegati indikaw li r-rikorrent qabbadhom jibdlu l-figuri biex jagħtu xejra iktar pożittiva u jogħlew l-ishma. Dan seta' sar ukoll wara li l-offerta ġiet miċħuda mill-VIE biex forsi ikun hemm offerta ogħla li ma seħħitx.*

*Illi Alan Borg qal li r-rikorrent qallu li qed jinnegozja għaxar (10) snin kuntratt b'salarju doppju max-xerrejja prospettivi. Dan jikkonfermawh żewġ xhieda oħra.*

*Illi Michael Bianchi li kien direttur fl-MIA irriżenja f'Ġunju, 2014, sar parti mill-Antin Consortium u l-Antin Consortium irċieva l-offerta fil-ġurnata li Bianchi irriżenja. Illi ċ-Chairman jgħid li Alan Borg qallu li r-rikorrent u Bianchi kienu f'kuntatti viċini wara Ġunju 2014.*

*Illi Maurizio Bolana –* Authorised Representative *ta' Antin ikkonferma li Michael Bianchi introduċa lir-rikorrent ma' Antin fl-2014. Bolana kellu wkoll rwol jekk ir-rikorrent kienx Kap Eżekuttiv ideali. Dan il-meeting ġie segwit b'meeting ieħor f'Awwissu 2014 ma' Alan Rauscher CEO Antin Infrastructure. It-tnejn m'għamlux ġudizzju pożittiv fuq ir-rikorrent filwaqt li Bolana kkonferma li b'mod sorpriż ir-rikorrent talab li jinnegozja l-kuntratt ġdid tiegħu għal għaxar (10) snin b'salarju doppju wara li Antin jixtru l-MIA.*

*Illi ċ-Chairman tal-MIA wara li skopra dan, tilef kull kunfidenzja u fiduċja fir-rikorrent u li l-imġiba tiegħu qatt ma setgħet tkun ġustifikata f'dan il-livell ta' pożizzjoni li kien qed jokkupa r-rikorrent.*

*Illi fil-21 ta' Jannar, 2014 Gretzmacher u Jaeger iffaċċjaw lir-rikorrent u bdew jipproteġu l-aqwa interessi tal-MIA u possibilità ta' skandlu pubbliku għamlu l-offerta msemmija lir-rikorrent li ġiet rifjutata mingħajr ġustifikazzjonijiet ta' importanza mir-rikorrent.*

*Illi saret laqgħa tal-Bord dakinhar stess fejn saret riżoluzzjoni u ġiet maqbula li kienet intilfet b'mod totali l-kunfidenza u l-fiduċja fir-rikorrent.*

*Illi ċ-Chairman xehed li r-rikorrent ġie mistoqsi għar-reazzjoni iżda dan ma talabx għal sospensjoni jew iktar ħin biex iwieġeb jew jipprepara xi sottomissjonijiet biex jagħmel l-argumenti tiegħu u fl-ebda ħin ma pprova jiġġustifika l-akkużi kontrih. Fl-istess ġurnata ħarġet l-ittra ta' terminazzjoni mill-impjieg.*

*Ħareġ ukoll mill-investigazzjoni taċ-Chairman li r-rikorrent fl-2014 kien barra minn Malta 220 ġurnata fosthom Pariġi darbtejn bejn il-15 u 18 ta' Diċembru, 2014 u bejn 13 u 16 ta' Jannar, 2015. Pariġi kienet il-post fejn Antin Infrastructure kienet ibbażata.*

*Illi l-impjegati tal-MIA bagħtu informazzjoni lir-rikorrent qabel u matul iż-żmien li r-rikorrent kien Pariġi rigward* business plan *ta' 10 snin,* annual investment volumes, long term economic development forecasts *tal-MIA u MIA business partners. Liema informazzjoni ma kinitx pubblika u li kienet parti mill-*business secrets *tal-MIA.*

*Ir-rikorrent argumenta li l-proċess ta' tkeċċija kien* 'fait accompli' *u li l-VIE kienet involuta sew fit-tkeċċija li anki għamlet kawża fi Vienna kontra l-Antin Consortium u li l-mertu kien ir-rikorrent li ma daħħluhx fiha.*

*Illi l-investigazzjoni ta' Gretzmacher kienet imġiegħla minn Jaeger u li ma hemmx provi biżżejjed u allegazzjonijiet biss.*

*Illi Gretzmacher naqas li ma infurmax lill-Bord fuq l-offerta tax-shares ta' Antin. Kien obbligu tiegħu.*

*Illi stramba li ġie offrut €400,000 biex jirriżenja meta suppost immina l-kumpannija.*

*Illi fuq* breach of obligations *u* contractual obligations *ma joħorġux provi ċari li r-rikorrent ħareġ informazzjoni kunfidenzjali.*

*Illi kif Michael Bianchi ma ġiex akkużat ukoll.*

*Illi kawża ġusta u suffiċjenti trid tkun gravi.*

*Illi r-rikorrent ikkonferma li tkellem ma' Antin bit-telephone imma ma kienx ċert jekk iltaqax magħhom waħdu. Qal li seta' kien hekk imma mhux ċert. Fl-affidavit tieegħu r-rikorrent qal li Antin kellmuh fuq investiment prospettiv fl-MIA fl-2014. Kien Bolana li kellmu u saru diversi diskussjonijiet.*

*Illi lil Bolana qatt ma kellmu b'xi sigriet tal-MIA.*

*Illi r-rikorrent ma ċaħadx li tkellem ma' Bolana fuq il-kundizzjonijiet tiegħu jekk Antin jixtru l-MIA.*

*Meta fil-kontro-eżami ġie mistoqsi jekk Antin talbuhx jipprovdi dokumentazzjoni u informazzjoni fuq l-MIA, ir-risposta kienet* 'I don't remember, I don't know'. *Mistoqsi jekk kienx jaf jew iltaqa' ma' Alan Rauscher – CEO Antin Infrastructure, l-ewwel qal le, imbagħad qal forsi f'Awwissu 2014 fejn ukoll iddiskuta l-futur tiegħu u li jekk jiġi offrut kuntratt tajjeb jibqa'.*

***<u>Deċiżjoni</u>***

*It-Tribunal analizza u wiżen ix-xhieda u d-dokumentazzjoni kollha tal-kas kif ukoll id-dikjarazzjonijiet, is-sottomissjonijiet u t-trattazzjonijiet finali.*
*Il-pożizzjoni li kien jokkupa r-rikorrent kienet ta' Kap Eżekuttiv li dan it-Tribunal itiha importanza kbira u partikolari.*

*Il-Kap Eżekuttiv iġorr ir-responsabbilità u r-reputazzjoni kollha tal-kumpannija. Hija l-ogħla kariga fl-operat tal-kumpannija.*

*U hawn qed nitkellmu fuq kumpannija strateġika għal pajjiżna b'konnessjonijiet diretti internazzjonali.*

*It-Tribunal għaraf il-ġustifikazzjonijiet konsistenti tas-soċjetà intimata li waslet f'punt li tilfet b'mod totali l-kunfidenza u l-fiduċja fir-rikorrent.*

*It-Tribunal innota li r-rikorrent kiser* policies *ta' kunfidenzjalità li suppost hu stess jara li ma jinkisrux. Kien f'kuntatt dirett mal-Consortium li kien se jixtri l-MIA. Tant kien f'kuntatt, li beda jinnegozja kuntratt ġdid għalih, ta' għaxar (10) snin, b'salarju doppju. Dan ukoll meta l-istess rikorrent tenna li dan li ma kienx jaf li dan il-Consortium kien interessat li jakkwista l-MIA.*

*It-Tribunal jagħraf ukoll li r-rikorrent sostna li l-informazzjoni li ħareġ hija biss allegazzjoni, iżda t-Tribunal milli ħareġ mill-proċess, jinnota li kien hemm kuntatt mal-Consortium u li dan il-kuntatt jikser obbligi serji ħafna li kellu r-rikorrent kif spjegat.*

*Rigward l-offerta li saret lir-rikorrent u kif saret it-tkeċċija, it-Tribunal fl-ambitu tal-pożizzjoni li kien jokkupa r-rikorrent ma jara l-ebda nuqqas. Dan dejjem, u t-Tribunal jenfasizza, fl-ambitu tal-pożizzjoni in kwistjoni.*

*Fil-kontro-eżami r-rikorrent lagħab bil-kliem u t-Tribunal innota u kkonferma l-kuntatti allegati bi ksur serji ta' obbligi msemmija.*

*Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jikkonkludi li l-aġir u l-imġiba tar-rikorrent kienet tmur kontra l-obbligi li kellu mal-kumpannija u l-pożizzjoni tiegħu poġġiet l-MIA f'riskju.*

*Il-pożizzjoni ta' Kap Eżekuttiv hija wisq importanti kif spjegat, u l-bażi tagħha hija '*the full and unquestionable trust'. *Dan it-Tribunal qed jagħraf li r-rikorrent kien kisirha u tilifha għar-raġunijiet imsemmija u għaldaqstant qed jikkonferma tkeċċija ġusta.*

*...*

*B'hekk qed tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol."*

## L-Appell

15. Fl-20 t'Awwissu, 2021 ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni tat-Tribunal, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

*"... jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar is-sentenza appellata billi filwaqt illi tiċħad it-talbiet kollha tas-soċjetà appellata hija tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-applikant qua appellant.*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellata."*

16. L-appellant spjega li huwa ħassu aggravat għaliex fil-fehma tiegħu kien hemm nuqqas ta' provi li t-tkeċċija saret għal raġuni valida minħabba l-allegat ksur tal-obbligu tal-kunfidenzjalità. Qal li *ai termini* tal-artikolu 36 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, kuntratt ta' impjieg jista' jiġi tterminat jekk ikun hemm raġuni valida u ġusta biex isir dan, iżda f'dan il-każ ma nġabu l-ebda provi li juru li kien hemm xi nuqqasijiet da parti tal-appellant li kienu jiġġustifikaw it-tkeċċija tiegħu. L-appellant qal li huwa dejjem ċaħad li kiser l-obbligi ta' kunfidenzjalità u għalhekk dejjem saħaq li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet inġusta. Qal li l-kwalità tal-provi li kellu quddiemu t-Tribunal ma kinux suffiċjenti biżżejjed sabiex iwasslu għall-grad ta' prova rikjesta fil-kamp ċivili fl-ambitu tat-terminazzjoni ta' impjieg, u dan stante li hemm ġurisprudenza kostanti li tgħid li sabiex it-terminazzjoni tal-impjieg titqies li hija ġusta u valida, ir-raġuni għat-terminazzjoni trid tkun attwali, gravi u konkreta, u dan għaliex fi kwistjonijiet ta' xogħol, it-terminazzjoni mill-impjieg hija meqjusa bħala kastig kapitali. L-appellant qal ukoll li l-oneru tal-prova li t-tkeċċija mill-impjieg kienet ġustifikata, jaqa' fuq min iħaddem, f'dan il-każ fuq is-soċjetà appellata. L-appellant qal li ma nġabet l-ebda prova quddiem it-Tribunal mis-soċjetà appellata li setgħet twassal lit-Tribunal għall-konvinzjoni li kien hemm xi żvelar ta' informazzjoni sigrieta jew sensittiva min-naħa tal-appellant. L-appellant qal li t-Tribunal iġġustifika t-

tkeċċija tiegħu mill-impjieg billi qal li sar xi forma ta' kuntatt mal-konsorzju. Qal li l-fatt li sar xi kuntatt ma' investituri li wara sar magħruf li kellhom x'jaqsmu mal-konsorzju, bl-ebda mod m'għandu jitqies bħala prova sufficjenti li kien hemm xi ksur tal-obbligi ta' kunfidenzjalità da parti tal-appellant.

17. L-appellant qal li t-Tribunal interpreta b'mod ħażin l-obbligi tal-appellant skont l-imsemmija klawsola, meta ddeċieda li kien hemm ksur tal-obbligi għaliex l-appellant kien ikkomunika ma' xi investituri, u dan peress li m'hemm xejn fil-kuntratt li kien iwaqqfu milli jikkomunika magħhom, kif ukoll għaliex dan il-fatt m'għandux ifisser li waqt l-imsemmija komunikazzjonijiet ġew mgħoddija xi dettalji sensittivi dwar is-soċjetà appellata. L-appellant qal li min-naħa tiegħu huwa qatt ma nnega li kien f'kuntatt mal-investituri, iżda l-pern tal-vertenza huwa jekk matul dawk il-kuntatti l-appellant kienx għadda xi informazzjoni sensittiva lil dawn l-investituri, liema fatt huwa nnega, u dan huwa fattur li qatt ma ġie ppruvat mis-soċjetà appellata. L-appellant ħass il-ħtieġa li jippreċiża li huwa kien ikkomunika ma' investituri fil-parametri possibbli tal-pożizzjoni tiegħu, u li huwa ma kienx iltaqa' mal-konsorzju in ġenerali. Qal ukoll li s-Sur Rauscher lilu ma kienx infurmah dwar liema ishma huma kienu interessati li jixtru, u dak iż-żmien kien diġà ġie rappurtat li kemm VIE u anki SNC-Lavalin kienu interessati li jbiegħu l-ishma tagħhom. L-appellant qal li kien hemm azzjonisti oħra li setgħu kienu interessati jbiegħu l-ishma tagħhom, u għalhekk wieħed ma jistax jgħid li l-investituri li kien iltaqa' magħhom kien fi ħsiebhom jakkwistaw l-ishma ta' VIE.

18. L-appellant sostna li f'dan il-każ it-Tribunal naqas milli janalizza jek l-aġir tiegħu kienx verament ippruvat li kiser l-obbligi tiegħu u naqas ukoll milli janalizza l-parametri tar-rwol tal-appellant. L-appellant qal li fir-rwol tiegħu ta' Kap Eżekuttiv, huwa kellu l-obbligu li jitkellem ma' investituri potenzjali, iżda l-fatt li kien f'kuntatt ma' dawn il-persuni bl-ebda mod ma jfisser li huwa kien qiegħed jikser l-obbligu tiegħu bħala Kap Eżekuttiv. Qal li anki r-rappreżentanti ta' Antin Consortium xehdu li l-konverżazzjonijiet li kellhom mal-appellant kienu konverżazzjonijiet ġenerali li wieħed jistenna li jkollu ma' Kap Eżekuttiv, u li kienu fuq affarijiet primarji li wieħed jassumi u jistenna li jkollu ma' analista finanzjarju. Qal ukoll li lanqas m'huwa minnu li Mauricio Bolana xehed li l-appellant kien innegozja mal-konsorzju kuntratt ġdid għalih għal durata ta' għaxar snin, u din kienet biss allegazzjoni li saret minn Alan Borg, li mhux talli ma ġietx ippruvata talli ġiet innegata u kontradetta mir-rappreżentanti tal-konsorzju. L-appellant qal li l-allegazzjoni li huwa kien innegozja kuntratt ta' għaxar snin għalih, kienet allegazzjoni li saret unikament minn Alan Borg, liema allegazzjoni ġiet kontradetta kemm minn Mauricio Bolana, kif ukoll minn Alain Rauscher. Qal li Alain Rauscher fil-fatt xehed li x-xewqa tal-appellant li ma jkunx marbut għal aktar minn sentejn, kienet ta' diżappunt għalihom, għaliex huma kienu jippreferu mudell ta' negozju fejn Kap Eżekuttiv ikun dispost li jżomm il-kariga għal aktar tul ta' żmien.

19. L-appellant għamel riferiment għall-parti tad-deċiżjoni tat-Tribunal fejn issemmiet l-offerta li saritlu, u qal li huwa ma jaqbilx mal-konklużjoni tat-Tribunal, u sostna li hija stramba li s-soċjetà appellata kienet lesta tħallas

€400,000 lill-appellant jekk din verament kellha provi li huwa ried ixerred informazzjoni sigrieta tas-soċjetà appellata. Qal li €400,000 mhumiex biss 50% tas-salarju li kien għadu dovut lilu ai termini tal-kuntratt skont il-liġi, iżda s-soċjetà appellata, apparti nofs is-salarju, kienet disposta wkoll li tħallas *performance bonus* għal sena; u s-somma ta' €50,000 bħala *recognition of the performance of the Company, both in relation to financial performance and traffic figures, during the Employee's term of service.* L-appellant qal li huwa diffiċli li wieħed jemmen li din is-somma tabilħaqq kienet ġiet offruta lilu jekk s-soċjetà appellata tassew kellha provi konkreti li kienu juru li l-appellant ma mexiex tajjeb fil-qadi ta' dmirijietu bħala Kap Eżekuttiv. Qal li fl-istess waqt li s-soċjetà appellata qiegħda takkużah b'negliġenza gravi u serja, din qiegħda toffri li tħallsu somma sostanzjali bħala *performance bonus* u somma ulterjuri ta' €50,000, oltre 50% tal-pagi dovuti lilu. L-appellant qal li huwa inkomprensibbli kif it-Tribunal iġġustifika t-tkeċċija tiegħu minkejja li allegatament kien hemm ksur ta' obbligi serji ħafna, u ma ra xejn stramb dwar dawn is-somom li ġew offruti lilu.

20. It-tieni aggravju tal-appellant jikkonċerna l-illegalità dwar il-mod kif saret it-tkeċċija tiegħu mill-impjieg. Qal li anki l-metodu ta' kif saret it-tkeċċija, kien wieħed li jmur kontra d-dispożizzjonjiet tal-liġi. Spjega li dakinhar li huwa sar jaf bit-tkeċċija tiegħu mill-impjieg, huwa kien qiegħed fi Vjenna għal laqgħa tal-bord tad-diretturi tas-soċjetà appellata, u ġie mgħajjat f'laqgħa oħra mas-Sinjuri Gretzmacher u Jaeger, mingħajr ma ġie infurmat minn qabel dwar l-iskop ta' din il-laqgħa. Qal li huwa lanqas ma kien infurmat dwar jekk din il-laqgħa kinitx ser

tkun ma' rappreżentanti ta' VIE jew inkella tal-MIA, u peress li huwa kien qiegħed jiltaqa' ma' dawn it-tnejn min-nies, huwa kien taħt l-impressjoni li l-laqgħa kienet ma' rappreżentanti ta' VIE u mhux tal-MIA, għaliex dak iż-żmien Julian Jaeger ma kienx jifforma parti mill-bord tad-diretturi tal-MIA, u b'hekk ma kellux ikun involut fi kwistjonijiet li jikkonċernaw l-MIA. Qal li Julian Jaeger ma kellu l-ebda awtorità jitterminalu l-impjieg mal-MIA jew li jagħmillu xi offerta marbuta ma' dan l-impjieg. L-appellant qal li l-allegazzjonijiet li saru minn Gretzmacher u Jaeger li wasslu għat-talba għar-riżenja tiegħu, kienu vagi u sempliċiment issemma l-fatt li l-atmosfera bejn l-appellant u Gretzmacher ma kinitx waħda tajba. Qal ukoll li waqt din il-laqgħa ma sar l-ebda riferiment għall-allegat involviment tiegħu mal-konsorzju Antin. L-appellant qal li meta nqralu l-*memorandum* intern, dan ma kienx jirreferi għal xi nuqqas tiegħu, u meta huwa staqsa dwar jekk kienx hemm xi allegat nuqqas min-naħa tiegħu, la Gretzmacher u lanqas Jaeger ma rrispondewh. Qal li r-rapport investigattiv dwar it-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu iġib id-data tal-1 ta' Ġunju, 2015, u għalkemm is-soċjetà appellata tallega li l-informazzjoni msemmija f'dan ir-rapport kienet diġà fil-pussess tagħha, l-ebda parti minn din l-informazzjoni ma ngħatat lill-appellant meta dan intalab jirriżenja. Qal li mill-atti tal-proċeduri li saru quddiem it-Tribunal, jidher evidenti li l-investigazzjoni li s-Sur Gretzmacher jinsisti li saret, ma kienet xejn għajr eżerċizzju ta' assunzjonijiet li saru minn Gretzmacher stess wara li kien kellem xi individwi u ħoloq storja dwar ċirkostanzi li ma kinux minnhom. Qal li f'każ li kif qiegħed jiġi allegat, Gretzmacher kien lesta l-investigazzjoni sal-21 ta' Jannar, 2015, dan suppost li ma kellu l-ebda problema jispjega r-raġunijiet għalfejn l-appellant kien qiegħed

jintalab jirriżenja. L-appellant għal darb'oħra qal li l-fatt li huwa kien f'kuntatt ma' membri tal-konsorzju, bl-ebda mod m'għandu jfisser li huwa kien qiegħed jgħaddi xi informazzjoni kunfidenzjali lilhom. Qal ukoll li meta huwa ntalab jidħol fil-laqgħa tal-bord tad-diretturi tal-MIA, huwa ma ngħatax l-opportunità li jiddefendi ruħhu, għaliex sa dak il-ħin huwa ma kien għadu ngħata l-ebda dettall għalfejn kienet qiegħda tintalab ir-riżenja tiegħu. L-appellant qal ukoll li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra li Dr Louis Degabriele, *Company Secretary* tas-soċjetà appellata, xehed li Antin Consortium u r-rappreżentanti tiegħu qatt ma kienu ssemmew waqt xi laqgħa tal-bord, u għalkemm ir-raġuni li ngħatat għat-tkeċċija tal-appellant mill-impjieg kienet l-allegat żvelar ta' informazzjoni lil Antin Consortium, jidher li d-diretturi tas-soċjetà appellata kienu formalment infurmati bil-fatti wara t-tkeċċija u mhux qabel. Fil-fehma tal-appellant, it-tkeċċija tiegħu nħadmet minn VIE u mhux mill-MIA. L-appellant qal li milli jidher, il-bord ma kienx a konoxxenza bl-affari ta' Antin Consortium, iżda minkejja dan xorta waħda keċċewh, u saħansitra saritlu offerta ta' kumpens qabel ma tkeċċa, minkejja li t-tkeċċija tiegħu ma kinitx approvata mill-bord qabel saret. Qal li Dr Degabriele stess xehed li l-investigazzjoni ġiet ordnata wara t-tkeċċija, u li fil-minuti tal-laqgħa fejn huwa tkeċċa mill-impjieg, ma ssemmietx ir-raġuni għat-tkeċċija tiegħu. L-appellant għamel riferiment għall-parti tax-xhieda ta' Dr Degabriele fejn dan qal li Antin Consortium qatt ma kien diskuss waqt il-laqgħat tal-bord, u qal li din hija prova li kienet VIE li naqset mill-obbligi tagħha, għaliex hekk kif hija ġiet mitkellma minn Antin Consortium dwar l-offerta għax-xiri tal-ishma tagħha, hija kellha l-obbligu li tinforma lill-bord u lill-*Istock Exchange* dwar dan. L-appellant qal li huwa evidenti li VIE kienet qiegħda taġixxi minn wara

dahar kulħadd meta kienet qiegħda tinnegozja mal-konsorzju mingħajr ma infurmat lill-bord u lill-*Istock Exchange,* kif ukoll ippreġudikat lis-soċjetà appellata u lill-impjegati tagħha, meta ma nfurmathomx bl-akkwist potenzjali tal-ishma ta' VIE.

**Ir-Risposta tal-Appell**

21. Is-soċjetà appellata wieġbet li l-proċeduri quddiem it-Tribunal damu għaddejjin iżjed minn ħames snin, u matulhom hija ressqet diversi provi dokumentarji u xhieda sabiex issostni l-pożizzjoni tagħha li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant kienet ibbażata fuq raġunijiet gravi biżżejjed li jikkostitwixxu raġuni 'valida u ġusta' *ai termini* tal-artikolu 36(14) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellata qalet li da parti tal-appellant kien hemm tentattivi sabiex dan ixekkel il-proċess tal-ġbir tal-provi, partikolarment dawk imressqa permezz tax-xhieda ta' impjegati u rappreżentanti ta' Antin Infrastructure, u l-appellata qalet li dan seħħ għaliex l-appellant kien jaf li dawn ix-xhieda kienu ser jikxfu dak li għamel hu u x'kienu l-intenzjonijiet tiegħu. Is-soċjetà appellata għamlet riferiment għall-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu, partikolarment dwar il-pożizzjoni li kien jokkupa l-appellant u l-grad ta' responsabbilità li dan kien iġorr; il-fatt li dan tkeċċa mill-impjieg minħabba allegazzjonijiet ta' ksur serju ta' obbligi ta' kunfidenzjalità u l-konsegwenzi tal-ksur ta' dawn l-obbligi; l-obbligi tal-appellant fir-rigward tal-kunfidenzjalità; il-*policies* tas-soċjetà appellata u ta' VIE sabiex tiġi salvagwardjata il-kunfidenzjalità fil-bejgħ tal-ishma, fosthom regoli ċari li

persuni b'funzjonijiet eżekuttivi u l-bord tas-soċjetà appellata, ma jkollhom l-ebda informazzjoni dwar affarijiet li jistgħu joħolqu kunflitt ta' interess fil-bejgħ ta' ishma; il-fatt li l-appellant kien marbut b'dawn il-*policies;* il-fatt li l-appellant kien ħa pariri mill-avukati tas-soċjetà appellata dwar dan il-fatt; u fost l-obbligi li saret enfasi fuqhom f'*memo* indirizzat lilu, huwa kellu jaħdem biss fl-interess tas-soċjetà appellata, u ma kellux jidħol f'kunflitt ta' interess fir-rigward ta' informazzjoni sigrieta, anki bl-għoti ta' informazzjoni lix-*shareholder* li jkun appuntah; ix-xhieda ta' Alan Borg dwar l-informazzjoni li l-appellant beda jitlob mingħand impjegati li jaqgħu direttament taħt ir-responsabbilità ta' Borg; it-tibdil fiċ-ċifri sabiex tingħata l-impressjoni ta' xejra aktar pożittiva u jogħla l-valur tal-ishma; il-fatt li Alan Borg xehed li l-appellant kien qallu li huwa kien qiegħed jinnegozja kuntratt għal għaxar snin; ix-xhieda ta' Mauricio Bolana, li kkonferma li l-appellant talab li jinnegozja l-kuntratt ġdid tiegħu b'salarju doppju; il-laqgħa tal-21 ta' Jannar, 2015 bejn l-appellant u Gretzmacher u Jaeger; il-fatt li meta mixli quddiem il-bord tad-diretturi, l-appellant naqas milli jwieġeb; il-fatt li fl-2014 l-appellant qatta' 220 ġurnata 'il bogħod minn Malta; u x-xhieda ta' impjegati tas-soċjetà appellata li huma kienu bagħtu informazzjoni lill-appellant waqt li dan kien imsiefer Pariġi, liema informazzjoni ma kinitx pubblika u kienet parti mill-*business secrets* tas-soċjetà appellata.

22. Is-soċjetà appellata qalet li kien abbażi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li t-Tribunal wasal għal għadd ta' konklużjonijiet, fosthom li l-imġiba tal-appellant ma setgħet qatt tkun ġustifikata fil-pożizzjoni li kien jokkupa; li s-soċjetà appellata waslet f'punt li kienet tilfet il-fiduċja li kellha fl-appellant; li l-appellant kiser *policies* ta' kunfidenzjalità li suppost kellu jara li ma jinkisrux; li kien hemm

kuntatt mill-appellant mal-konsorzju li kienet tifforma parti minnu Antin; u li dan il-kuntatt kiser l-obbligi serji li kellu l-appellant; li fil-kontro-eżami l-appellant lagħab bil-kliem, iżda t-Tribunal innota u kkonferma li kienu saru kuntatti diretti mill-appellant mal-konsorzju, tant hu hekk li l-appellant beda jinnegozja kuntratt ġdid għalih, b'terminu ta' għaxar snin u b'salarju doppju; li l-aġir u l-imġiba tal-appellant kienet tmur kontra l-obbligi li kellu mas-soċjetà appellata, u poġġiet lis-soċjetà appellata f'riskju, u għalhekk it-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet waħda ġusta.

23. Is-soċjetà appellata qalet ukoll li l-appell tal-appellant huwa inammissibbli għaliex mhuwiex ibbażat fuq l-ebda punt ta' liġi, iżda jservi biss biex jiċċensura l-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal. Żiedet tgħid li abbażi tal-artikolu 82(3) tal-Kap. 452, appell minn deċiżjoni tat-Tribunal jista' jsir biss fuq punt ta' liġi, imma fir-rikors tal-appell m'hemm xejn li jista' jitqies bħala punt ta' liġi li fuqu huwa bbażat l-appell. Qalet li l-appellant imkien ma jagħmel riferiment għall-applikazzjoni ta' xi liġi, jew għal xi prinċipju ta' dritt li fuqu jibbaża l-appell tiegħu. Is-soċjetà appellata qalet li minkejja li dak li wassal għad-deċiżjoni tat-Tribunal huwa bbażat b'mod loġiku fuq il-fatti u l-apprezzament tal-provi li nġabu quddiem it-Tribunal, l-appellant jallega nuqqas ta' prova li t-tkeċċija saret għal raġuni valida, jilmenta li t-Tribunal ma wasalx għall-konklużjoni korretta dwar l-offerta finanzjarja li saret lill-appellant, u jallega li l-mod kif tmexxa l-proċess li wassal għat-tkeċċija tiegħu ma kienx korrett.

24. Is-soċjetà appellata qalet li għandu jirriżulta bl-aktar mod ċar li kienu l-provi miġjuba quddiem it-Tribunal li wassluh għall-konvinċiment morali li jagħti

deċiżjoni favur is-soċjetà appellata. Is-soċjetà appellata qalet ukoll li r-rikors tal-appell kien maħsub biss biex din il-Qorti tkun imġiegħela tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-fatti li tressqu quddiem it-Tribunal. Is-soċjetà appellata għamlet riferiment għall-ewwel aggravju sollevat mil-appellant, u qalet li anki mill-mod kif inhu impostat dan l-ewwel aggravju, għandu jirriżulta li dan jittratta esklussivament l-apprezzament tal-provi kif mistħarrġa mit-Tribunal. Qalet li t-Tribunal kien konvint li l-appellant kien marbut b'ċerti *policies* intiżi sabiex jissalvagwardjaw il-kunfidenzjalità, u li l-appellant kiser dawn il-*policies* meta huwa stess kellu l-obbligu li jara li dawn ma jinkisrux. Qalet ukoll li din il-konfużjoni tiżdied meta wieħed jikkonsidra l-aggravju fil-kuntest tad-deċiżjoni appellata, għaliex it-Tribunal spjega wkoll liema kienu dawk il-provi li nisslu fih il-konvinzjoni li l-aġir tal-appellant fil-pożizzjoni li kellu, ma seta' qatt ikun ġustifikat. Qalet ukoll li dan l-aggravju huwa bbażat fuq l-allegazzjoni totalment infondata tan-nuqqas ta' provi, jew tal-assunzjoni li kienet tinħtieġ xi prova konklussiva ta' żvelar ta' informazzjoni kunfidenzjali sabiex it-Tribunal isib favur is-soċjetà appellata. Qalet li l-investigazzjoni li tmexxiet mis-Sur Gretzmacher kixfet li l-appellant kien jaf bid-diskussjonijiet bejn VIE u l-konsorzju, li kien f'kuntatt kontinwu mal-membri tal-konsorzju, li siefer biex jiltaqa' ma' uħud minnhom, li kiseb informazzjoni li lanqas biss għaddiet għand id-diretturi tas-soċjetà appellata, li kien innegozja kuntratt ta' impjieg ġdid għalih, u li dan kollu juri nuqqas ta' lealtà lejn is-soċjetà appellata.

25. Is-soċjetà appellata qalet li hija kienet obbligata li tilħaq grad ta' prova sabiex it-Tribunal ikun moralment konvint li hija kellha raġuni valida u ġusta għat-tkeċċija tal-appellant. Qalet li t-Tribunal kellu jkun konvint li meta d-

diretturi ddeċidew li l-impjieg tal-appellant għandu jiġi tterminat, huma aġixxew b'mod raġonevoli, għaliex mill-provi kollox kien jindika li l-appellant kien qiegħed jaġixxi b'mod li jpoġġi l-interessi tiegħu qabel dawk tas-soċjetà appellata.

26. Is-soċjetà appellata kompliet tgħid li l-liġi tagħna ma tagħtix definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi raġuni valida u ġusta għat-tkeċċija mill-impjieg, iżda tillimita ruħha billi telenka ċ-ċirkostanzi li ma jikkostitwixxux raġuni valida u ġusta. Żiedet tgħid li huwa għalhekk li l-partijiet f'kuntratt ta' impjieg, ħafna drabi jiftiehmu kuntrattwalment dwar dak li jikkostitwixxi raġuni valida u ġusta għat-terminazzjoni ta' impjieg, kif ġara fil-każ odjern. Is-soċjetà appellata qalet ukoll li filwaqt li t-Tribunal għamilha ċara li t-telf ta' fiduċja f'impjegat, waħdu ma jikkostitwixxix raġuni valida u ġusta għat-terminazzjoni tal-impjieg, spjega li impjegat bħall-appellant li jokkupa l-ogħla kariga f'kumpannija, għandu jgawdi l-ogħla grad ta' fiduċja. Is-soċjetà appellata qalet ukoll li hija kienet kostretta li tipproteġi l-interessi tagħha, minħabba fil-preġudizzju li setgħet issofri bl-aġir tal-appellant. Kompliet tgħid li ma kienx possibbli li l-appellant jibqa' fil-kariga ta' Kap Eżekuttiv, u anki t-Tribunal Industrijali kien konvint dwar dan.

27. Is-soċjetà appellata qalet ukoll li t-Tribunal ikkonkluda li l-appellant ma kienx kredibbli, partikolarment għaliex lagħab bil-kliem u safa mgiddeb minn xhieda oħrajn. Qalet li l-appellant kontinwament kien evażiv u naqas milli jwieġeb għal domandi li sarulu fil-kontro-eżami, u għalhekk b'dan l-isfond, huwa diffiċli li wieħed jifhem kif l-appellant iħossu daqstant aggravat bil-konklużjonijiet li wasal għalihom it-Tribunal abbażi tal-provi mressqa quddiemu.

28. Is-soċjetà appellata għamlet riferiment għall-offerta finanzjarja li saret lill-appellant, u qalet li din l-offerta kienet għamlitha partikolarment sabiex hija tħares l-interessi tagħha.

29. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, is-soċjetà appellata qalet li hija kienet tistenna li l-appellant jagħmel riferiment imqar għal punt wieħed ta' liġi li fuqu huwa msejjes dan l-aggravju, u li suppost li kellu jwassal sabiex jiġi ddikjarat li t-tkeċċija tal-appellant saret kontra d-disposizzjonijiet tal-liġi. Qalet li r-rakkont dwar il-fatti li seħħew fil-21 ta' Jannar, 2015, huwa kollu kemm hu bbażat fuq punti fattwali, liema fatti ġew ikkonsidrati mit-Tribunal sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Is-soċjetà appellata qalet li l-appellant qiegħed jipprova jgħawweġ il-fatti kif jidhirlu hu, sabiex jispekula dwar dak li seħħ waqt il-laqgħa tal-bord tad-diretturi tal-21 ta' Jannar, 2015. Is-soċjetà appellata qalet li bejn it-8 ta' Jannar, 2015 u l-21 ta' Jannar tal-istess sena, ma kien hemm l-ebda laqgħa tal-bord tad-diretturi, u għalhekk il-bord ma setax ikun jaf bit-taħdidiet li kienu għaddejjin bejn Antin Consortium u VIE. Is-soċjetà appellata qalet li l-appellant qiegħed ikun spekulattiv meta jgħid li l-minuti tal-laqgħa tal-Bord kellhom jidħlu f'aktar dettall, partikolarment għaliex dawk il-minuti jgħidu li s-Sur Gretzmacher ta r-raġunijiet għalfejn huwa kien tilef il-fiduċja fl-appellant, stieden lill-appellant jindirizza lid-diretturi, il-kwistjoni ġiet diskussa u fl-aħħar għaddiet riżoluzzjoni dwar it-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant. Is-soċjetà appellata qalet li mill-investigazzjoni li saret fil-konfront tal-appellant, irriżulta li kien hemm safar suspettuż, kemm minħabba d-destinazzjoni magħżula kif ukoll minħabba li l-appellant kien isiefer waħdu; kien hemm informazzjoni li ntalbet mill-appellant qabel u waqt li kien imsiefer; kien hemm informazzjoni li l-

appellant talab mingħajr l-involviment ta' Alan Borg; kien hemm talbiet mill-appellant sabiex l-informazzjoni tiġi mibdula minn dik li kienet ingħatat uffiċjalment lid-diretturi; kien hemm diskussjonijiet ma' Alan Borg fejn l-appellant stqarr li ried li jeħles minn VIE bħala azzjonista, u li kien qiegħed jinnegozja kuntratt ta' impjieg għalih innifsu, għal terminu ta' għaxar snin u b'paga doppja; kien hemm *records* ta' telefonati li għamel u messaġġi li bagħat l-appellant, li minnhom irriżulta li ntbagħtu numru kbir ta' messaġġi u li saru ammont sostanzjali ta' telefonati ma' membri tal-konsorzju; u l-appellant ma kienx veritier meta qal li ma kienx għadu f'kuntatt ma' ex-direttur tas-soċjetà appellata li sar membru tal-konsorzju, meta mill-provi irriżulta mod ieħor. Qalet li meta l-appellant irrifjuta li jirriżenja minn jeddu, il-kwistjoni kellha teskala sal-bord tad-diretturi, li kien l-ekwivalenti ta' bord tad-dixxiplina, fejn l-appellant ingħata l-opportunità li jesprimi ruħhu u jagħti l-verżjoni tiegħu. Is-soċjetà appellata qalet li ladarba l-appellant lanqas biss indenja ruħhu jipprova jiġġustifika l-għemil tiegħu waqt dik il-laqgħa, dan ma kellux jingħata aktar il-fiduċja tas-soċjetà appellata.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

30. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata u tas-sottomissjonijiet magħmula mis-soċjetà appellata. Il-Qorti sejra qabel xejn tikkonsidra l-eċċezzjoni mqajma mis-soċjetà appellata, li l-aggravji tal-appellant mhumiex imsejsa fuq punti ta' liġi, iżda biss fuq punti ta'

fatt, u għalhekk l-appell imressaq minnu mhuwiex ammissibbli stante li appelli minn deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali jistgħu jsiru biss fuq punti ta' liġi.

*L-ewwel aggravju: [nuqqas ta' prova li t-tkeċċija saret għal raġuni valida]*

31. L-aggravji sollevati mill-appellant huma tnejn: (i) li t-Tribunal ma kellux provi sufficjenti sabiex jasal għall-konklużjoni li t-tkeċċija tal-appellant mill-impjieg saret għal raġuni ġusta u valida; (ii) kif ukoll li l-proċess li ppreċeda t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg ma kienx wieħed validu. Din il-Qorti tirrileva li hija m'għandhiex kompetenza tagħmel apprezzament tal-provi mill-ġdid, wara l-evalwazzjoni li diġà saret mit-Tribunal sabiex dan wasal għall-konklużjonijiet tiegħu. B'riferiment għall-ewwel aggravju mressaq mill-appellant, il-Qorti tirrileva li permezz tal-ewwel aggravju tiegħu l-appellant qiegħed jittenta jiftaħ beraħ l-evalwazzjoni tal-provi li nġabu għall-konsiderazzjoni tat-Tribunal, u dan billi l-appellant qiegħed isostni li t-Tribunal ma kellux jasal għall-konklużjoni li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet ġustifikata. L-appellant jgħid li ma nġabet l-ebda prova tal-allegati nuqqasijiet tiegħu li kellhom jiġġustifikaw it-tkeċċija tiegħu mill-impjieg, u l-oneru tal-prova li t-tkeċċija kienet ġustifikata kien jaqa' fuq min iħaddem, jiġifieri fuq is-soċjetà appellata. L-appellant, filwaqt li ammetta li kien hemm kuntatt bejnu u membri tal-konsorzju, fl-istess ħin qal li huwa fl-ebda waqt ma kiser l-obbligi tiegħu ta' kunfidenzjalità u li huwa fl-ebda waqt ma żvela sigrieti kummerċjali tas-soċjetà appellata.

32. Il-Qorti tqis li permezz ta' dan l-ewwel aggravju, l-appellant qiegħed jitlob lil din il-Qorti tikkonsidra mill-ġdid il-provi miġjuba quddiem it-Tribunal, u dan

bit-tama li wara li tevalwa l-provi mill-ġdid, din il-Qorti tasal għal konklużjoni differenti minn dik li wasal għaliha t-Tribunal. Imma dan qorti fi grad ta' appell hija prekluża milli tagħmlu. L-appellant ma ġab l-ebda argument legali sabiex juri għal liema raġuni, fil-fehma tiegħu, id-deċiżjoni tat-Tribunal ma kinitx korretta fuq punti ta' liġi, u minflok jagħmel riferiment għall-provi u għall-fatti li rriżultaw sabiex jargumenta li t-Tribunal ma kellux jasal għall-konklużjoni li t-tkeċċija tiegħu kienet waħda ġusta. Riferiment vag għal dak li jipprovdi l-artikolu 36 tal-Kap. 452, m'għandux jitqies li huwa suffiċjenti biex din il-Qorti tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dan l-aggravju, għaliex sabiex tagħmel dan il-Qorti trid tagħmel evalwazzjoni mill-ġdid tal-fatti li rriżultaw. Imma b'mod ġenerali, il-Qorti sejra tagħmel riferiment għad-deċiżjoni tat-Tribunal, u għall-fatt li fid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal spjega li huwa ħa konjizzjoni tal-provi kollha li rriżultaw, u sussegwentement wasal għall-konklużjoni li l-appellant kiser l-obbligi kuntrattwali u fiduċjarji tiegħu, injora *policies* stabbiliti mis-soċjetà appellata, wera li ma kienx qiegħed jaħdem fl-aħjar interess tal-kumpannija fejn huwa kien jokkupa l-ogħla kariga, qatta' żmien konsiderevoli barra l-pajjiż u bogħod mill-uffiċċju mingħajr ma ta spjegazzjoni għal dan, talab informazzjoni li ma kellux jedd għaliha, u sussegwentement din l-informazzjoni ġiet manipulata, u b'mod ġenerali mexa b'mod li wera li ma kienx għadu denju tal-pożizzjoni li kien jokkupa. Ċertament li wara li ġie ppruvat dan kollu, u wara li dan kollu ġie kkonsidrat mit-Tribunal, ma jistax jingħad li t-Tribunal ma kellux biżżejjed provi sabiex jasal għal konklużjoni konsiderata dwar jekk it-tkeċċija tal-appellant mill-impjieg kinitx ġustifikata jew le. Lanqas ma nġab l-argument li t-Tribunal injora xi provi, jew naqas milli jieħu konjizzjoni tal-provi miġjuba minn

xi parti jew oħra qabel ma wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Hawn il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li ġie deċiż minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Kevin Mark Abela *vs.* S&A Quality Assurance Surveyors Limited**[2], fejn ingħad illi:

> *"... jinsab statwit fis-subinċiż (3) tal-artikolu 82 tal-Att XXII tal-2002 illi d-deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali mhumiex appellabbli ħlief fuq punt ta' liġi. Dan il-punt ta' liġi m'hemmx għalfejn ikun definit u deċiż fis-sentenza impunjata għax ... l-Att dwar l-Impjieg u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) dan ma jgħidux. Hu suffiċjenti li l-punt ta' liġi li fuqu jsir l-appell jirriżulta involut jew impliċitu fid-deċiżjoni in kwantu d-deċiżjoni tkun ittieħdet bis-saħħa tal-prinċipju interpretattiv tal-liġi li l-appellant jikkontesta ...*
>
> *Hu x'inhu, id-deċiżjoni tat-Tribunal (Industrijali) għal dawk li huma kwistjonijiet ta' fatt hi finali u għalhekk taħt dan l-aspett dik id-deċiżjoni mhix ċensurabbli minn din il-Qorti."*

33. L-appellant argumenta wkoll illi s-somma offruta lilu bħala kumpens sabiex jirriżenja mill-impjieg minn jeddu, tirrifletti l-fatt li ma tressqux provi suffiċjenti fil-konfront tiegħu sabiex huwa jitkeċċa mill-impjieg, għaliex kieku ma kienx sejjer jiġi offrut kumpens daqstant sostanzjali, li kien jinkludi mhux biss nofs is-salarju li kien għad irid jitħallas lilu, imma wkoll *performance bonus* għal sena, u somma ta' €50,000 oħra bħala rikonoxximent tal-mod kif mexxa l-azjenda. Il-Qorti qieset li f'dan il-każ ġie ppruvat li din l-offerta kienet bla preġudizzju u saret fil-kuntest ta' tentattiv biex l-appellant jirriżenja minn jeddu u mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa li huwa jitkeċċa formalment mill-impjieg, u din l-offerta ġiet irtirata mal-ewwel indikazzjoni li l-appellant ma kienx sejjer

[2] 11.01.2006.

jaċċetta l-abbozz ta’ ftehim propost lilu. Il-Qorti tqis li f’każijiet bħal dawn, fejn si tratta ta’ terminazzjoni ta’ impjieg ta’ persuna bi profil daqstant għoli f’kumpannija jew azjenda, huwa normali li jsiru offerti bħal dawn bit-tama li l-kwistjoni bejn il-partijiet ma toħroġx fl-apert u informazzjoni meqjusa kummerċjalment sensittiva ma tispiċċax fid-dominju pubbliku. Il-Qorti tqis ukoll li l-appellant ma tkeċċiex mill-impjieg minħabba nuqqas ta’ kompetenza jew għaliex huwa ma qediex l-obbligi tiegħu b’mod tajjeb, iżda għaliex huwa naqas milli jimxi b’mod korrett fil-kariga li kien jokkupa, tant hu hekk li tqanqlu dubji serji dwar il-lealtà tiegħu lejn il-kumpannija u dwar jekk bl-aġir tiegħu l-appellant kienx qiegħed jimmina l-interessi kummerċjali tal-istess kumpannija li kienet tħaddmu magħha. Għaldaqstant kwalsiasi argument tal-appellant ibbażat fuq il-kumpens offrut lilu inizjalment mis-soċjetà appellata, għandu jitqies li huwa frivolu għaliex kien hemm raġunijiet kummerċjali wara l-imsemmija offerta.

Hu ċar li safejn dan l-ewwel aggravju huwa maħsub biex iservi bħala kritika għall-apprezzament tal-fatti li għamel it-Tribunal, dan l-aggravju ma jistax jintlaqa’.

*It-tieni aggravju: [il-mod kif tmexxa l-proċess tat-tkeċċija tal-appellant]*

34. Fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant isostni li l-proċess li bih is-soċjetà appellata itterminatlu l-kuntratt ta’ impjieg tiegħu ma kienx konformi mal-liġi. L-appellant qal li d-deċiżjoni li l-impjieg tiegħu jiġi tterminat ma kellhiex tittieħed minn Julian Jaeger, li fiż-żmien meta ttieħdet din id-deċiżjoni ma kellu l-ebda kariga fl-MIA. L-appellant qal ukoll li waqt il-laqgħa li huwa kellu ma’

Jaeger u ma' Gretzmacher, ma sar l-ebda riferiment għal-laqgħa li huwa kellu ma' esponenti tal-konsorzju Antin, u waqt din l-istess laqgħa la Jaeger u lanqas Gretzmacher ma kienu kapaċi jirrispondu dwar x'kienu n-nuqqasijiet li wasslu għat-tkeċċija tal-appellant mill-impjieg. L-appellant allega wkoll li l-investigazzjoni u r-rapport dwar it-tkeċċija tiegħu kienu konklużi madwar sitt xhur wara li huwa kien tkeċċa mill-impjieg, u għalhekk dawn ma setgħux ikunu l-bażi li fuqha ttieħdet id-deċiżjoni li l-impjieg tiegħu jiġi tterminat.

35. L-appellant qiegħed jimplika b'dan it-tieni aggravju tiegħu, u minkejja li ma jispeċifikax liema huwa l-punt ta' dritt li fil-fehma tiegħu ġie leż, li b'xi mod is-soċjetà appellata naqset milli timxi ma' dak li jipprovdu s-sub-inċiżi relattivi tal-artikolu 36 tal-Kap. 452. Il-Qorti analizzat il-proċess segwit mis-soċjetà appellata li wassal biex l-appellant ġie nfurmat li l-impjieg tiegħu mas-soċjetà appellat kien sejjer jiġi tterminat. Jirriżulta li waqt il-laqgħa li saret fi Vjenna fil-21 ta' Jannar, 2015, l-appellant ġie ffaċċjat b'għadd ta' allegazzjonijiet minn Jaeger u Gretzmacher, wara li tqanqlu suspetti dwaru, li huwa ma kienx qiegħed jimxi mal-obbligi kuntrattwali u fiduċjarji li l-kariga tiegħu kienet iġġorr, u wara suspetti li bl-imġiba tiegħu l-appellant seta' ippreġudika l-interessi kummerċjali tas-soċjetà appellata. Dawn is-suspetti tqanqlu partikolarment minħabba fil-qrubija li l-appellant kellu ma' membri tal-konsorzju, li ġiet stabbilita mill-mod kif uħud minnhom tkellmu dwaru, l-ammont ta' safar u l-ammont ta' ġranet li l-appellant qatta' barra minn Malta, li ma kien hemm l-ebda spjegazzjoni għalih, l-informazzjoni li ntalbet mill-appellant meta strettament ma kellux bżonnha, u l-fatt li l-appellant tkellem ma' għadd ta' persuni li hu kien diġà qiegħed jinnegozja kuntratt ta' impjieg ieħor mal-konsorzju għalih innifsu. Quddiem din

il-Qorti l-appellant lanqas ma ċaħad li huwa kien għamel kuntatt ma’ membri tal-konsorzju, għalkemm qal li huwa qatt ma żvela sigrieti kummerċjali jew informazzjoni li ġiet a konjizzjoni tiegħu minħabba r-rwol tiegħu mas-soċjetà appellata. Jirriżulta wkoll li l-appellant m’għarafx jagħti spjegazzjoni konvinċenti dwar dawn is-suspetti li tqanqlu dwaru, u kien għalhekk li Jaeger u Gretzmacher irreferew il-kwistjoni lill-bord tad-diretturi tas-soċjetà appellata, waqt laqgħa li saret immedjatament wara li huma kienu tkellmu mal-appellant. Kien hawn li ttieħdet ir-riżoluzzjoni li l-appellant kellu jitkeċċa mill-impjieg wara li ġie stabbilit li dan kien kiser l-obbligi fiduċjari li kellu josserva, kif ukoll naqas milli jagħti spjegazzjoni għall-imġiba suspettuża tiegħu. Fil-fatt jirriżulta li dawn is-suspetti fl-appellant ġew ikkonfermati b’rapport li sar wara investigazzjoni dwar l-imġiba u l-operat tal-appellant, fejn ġie stabbilit għalhekk li d-deċiżjoni li ttieħdet dwar it-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu kienet waħda raġonevoli, u kienet konsegwenza naturali għall-ksur tal-obbligi fiduċjari u kuntrattwali tal-appellant.

36. Il-Qorti għalhekk ma taqbilx mal-appellant li kien hemm xi illegalità fil-mod kif tmexxa l-proċess tat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg. L-appellant ingħata ċans jispjega u jagħti raġunijiet plawsibbli għall-imġiba tiegħu, xi ħaġa li huwa naqas milli jagħmel, tant hu hekk li diversi xhieda kkonfermaw li wara ftit minuti huwa qabad u telaq ’il barra mil-laqgħa li saret mal-bord tad-diretturi tas-soċjetà appellata. L-appellant seta’ kieku ried, għażel li jieħu l-kumpens offrut lilu u jaċċetta l-proposta li saritlu li jirriżenja minn jeddu, iżda huwa għażel li jiftaħ proċeduri quddiem it-Tribunal sabiex jikkontesta t-tkeċċija tiegħu, liema proċeduri ma kellhomx eżitu favorevoli għalih. Din il-Qorti ma ssegwix il-linja ta’

ħsieb espressa mill-appellant li f'dan il-każ kien hemm xi illegalità fil-mod kif tmexxa l-proċess li wassal għat-tkeċċija tiegħu. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju ukoll mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu'**
**Deputat Reġistratur**